# It-Twaqqif tal-Parroċċa San Bartolomew f'Ħal Għargħur



**Mis-Sur Julian Bezzina**

L-ewwel darba li nafu li n-nies ta' Casal Grigori wrew ix-xeqa li jkollhom parroċċa għalihom kien meta l-viżitatur appostoliku, Mons. Pietru Dusina fit-30 ta' Jannar, 1575, żar il-kappella qadima ta' San Bartolomew li kien hawn qabel il-Knisja Parrokkjali. Il-kronista ta' din il-viżita kiteb li n-nies tar-raħal ingabru f'din il-kappella biex jagħtuh merħba. Fir-raħal kien hawn 80 familja jiġifieri madwar 350 ruħ. Huma talbuh biex jibgħat qassis biex imqarr iqaddsilhom nhar ta' Ħadd u wegħduh li kienu lesti li jiġbrulu sehem qoton, li jiswa 3 tari, minn kull familja. Huma qalu lil viżitatur li l-kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg lanqas kien qed iqaddes quddiesa l-għada tat-tliet festi l-kbar, il-Milied, l-Għid u l-Għid il-Ħamsin kif kien obbligat li jagħmel minħabba li kien qed igawdi l-benefikat qadim tal-Kappella ta' San Ġwann Battista fl-istess raħal. Għalhekk l-isqof ordnalu li jqaddes jew l-għada jew l-jum ta' wara l-festi. Dak iż-żmien ir-raħal kien jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar. Fl-istess rapport insibu li l-kappella ta' San Ġwann Battista taċ-Ċimiterju kienet l-aktar waħda antika fir-Raħal u li kienet parroċċa fil-qedem, dan ifisser li din kellha r-rettur regulari tagħha.

It-twaqqif tal-parroċċi kif nafuhom illum mill-isqof tad-Djoċesi beda wara *l-Kunċilju ta' Tentu (1545 - 1563)*. Fis-16 ta' Lulju, 1563 dan kien iltaqa' għall-21 sezzjoni ppreseduta mill-Papa Piju IV u ddiskuta tema importanti ħafna: "Il-kuruna tal-erwieħ" u wara ħareġ il-famuż digriet tar-riforma. Fih insibu li l-isfqijiet bħala delegati tal-Papa għandhom iwaqqfu parroċċi f'dawk il-parroċċi fejn hemm għad ta' fidili li minħabba 'l bogħod jew it-tbatija ma jkunux jistgħu imorru fil-parroċċa biex jirċievu s-sagramenti u jattendu għall-funzjonijiet, anki jekk il-kappillan tal-parroċċa ma jkunx irid. (Sez. 21. Digriet Nu. 2 Kap IV).

Ir-raħal tagħna kien jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar u għalhekk in-nies tiegħu kellhom 'il bogħod għall-parroċċa. Biċċa nkwiet mal-kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg inqalgħet fit-2 t'Ottubru, 1591. Pietru u Giovanna Sciberras mir-raħal tagħna kellhom tewmin. Il-qabla Agata Hebejer li marret tgħin lil Giovanna teħles, għamdithom għax ħasbet li kienu se jmutu u wara ħadithom għand il-kappillan biex ikompli rit tal-magħmudija għax il-magħmudija tal-qabla setgħet kienet valida. Iżda l-kappillan ċanfara u reġa' għammed lit-tarbija li kien għada ħajja, għax l-oħra laħqet



mietet, ħaġa li ma setgħax jagħmel għax il-magħmudija għandha tingħata darba biss. Il-każ ġie rrapurtat lill-Inwkisitur Mons. Bellardito u l-kappillan inżamm il-ħabs tal-inkwisitur. Il-każ instema fl-1593 quddiem l-inkwisitur Mons. Giovanni Dell' Armi u l-kappillan ġie liberat.



Kopja tad-dokument li jinsab fl-Arkivji Parrokkjali

L-isqof Mons Tumas Gargallo kien jaf sewwa li n-nies ta' Ħal-Għargħur kellhom 'il bogħod għall-parroċċa tan-Naxxar u t-triq kienet ħażina, għalhekk fit-8 t'Ottubru, 1589 huwa waqqaf il-parroċċa ta' San Bartolomew u bagħat lil Dun Mattew Schiriha fir-raħal tagħna. Iżda għal din is-separazzjoni oġġezzjona l-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg. Għalkemm kien hawn dan it-tfixkil, Dun Mattew jidher li beda jaqdi l-parroċċa bħala kappillan. Dan nafuh għax hu beda l-ewwel ktieb tal-Magħmudijiet li fih kiteb ukoll iż-żwiġijiet u l-imwiet, kif kappillan hu obligat li jagħmel skond is-Sinodu ta' Ausburg (1548). Hu għammed l-ewwel tarbija bl-isem ta' Domenico iben Pietru Bruno u Grazzja fit-8 ta' Jannar, 1599. L-ewwel żwieġ kien ta' Agata bint Geronimo u Helen Mifsud u Jacobe iben Jacobe u Bartholomea Agius minn Ħal-Lija u sar fis-26 ta' Ġunju, 1599.

L-inkwiet bejn Dun Mattew u l-kappillan tan-Naxxar jidher li beda fl-1601 għax minn din is-sena sal-1604 fir-reġistru hemm nota li dawn ġew reġistrati fil-ktieb tal-magħmudijiet tan-Naxxar u li l-kwistjoni dwar il-parroċċa ġiet referuta lill-Inkwisitur Mons. Fabrizio Verrallo. Dan qatagħha favur ir-raħal iżda Dun Mattew beda jiffirma bħala 'vice-rettore di Casal Gregorio' fil-ktieb tal-magħmudijiet. Barra dan insibu wkoll li xi qassisin oħra li jidhru li kienu jiġu mill-parroċċa tan-Naxxar kienu jiġu jgħammdu fil-knisja l-qadima ta' San Bartolomew u jirreġistraw l-magħmudija fl-istess ktieb. Fl-1 ta' Awwissu, 1605 insibu waħda rreġistrata minn Dun Ġwann Bezzina (vice-rettore di Casal Naxxaro) u oħra fit-28 t'Ottubru, 1605 minn Dun Andrea Bezzina (vie-rettore di Casal Gregorio). Jidher għalhekk li Dun Mattew ma baqax fir-raħal għax mill-1605 sa l-1608 ma ġewx rreġistrati aktar magħmudijiet fir-reġistru. Iżda fit-8 ta' Marżu, 1608 insibu waħda rreġistrata minn Dun Ġwann Battista Cilia. Fl-1608 donnu reġa' kien hawn xi ċaqlieq biex il-parroċċa, li kienet ġiet sospisa, tkompli tiffunzjona għax f'din is-sena nafu żgur li twaqqfet il-fratellanza tar-Rużarju. Iżda l-bidu mill-ġdid tal-parroċċa sar uffiċċjalment sentejn wara, fl-1610.

Fit-8 ta' Lulju, 1610, Dun Ġiljan Borg marid fis-sodda għamel it-testment tiegħu quddiem in-nutar Simone Galea u sitt ijiem wara huwa miet. Jumejn biss wara, fis-16 ta' Lulju, 1610, u qabel ma laħħaq kappillan ġdid għall-parroċċa tan-Naxxar biex żgur ma jinqalgħax aktar inkwiet, l-Isqof Mons Tumas Gargallo wettaq dak li kien diġa' għamel fis-6 t'Ottubru, 1598 b'kuntratt quddiem in-nutar Ignazio Saverio Bonavita, kanċillier tal-kurja. F'dan il-kuntratt, għalkemm sar bidu ġdid għall-parroċċa tagħna bil-ħatra tal-Kappillan Dun Ġwann Battista Chetcuti, l-isqof Gargallo kiteb hekk:- *aħna waqqafna dik (il-parroċċa ta' San Bartolomew) ta' Casal Gregorio fis-6 t'Ottubru, 1598.*

Mis-16 ta' Lulju, 1610 il-parroċċa tagħna bdiet dejjem miexja 'l quddiem tant li l-kappillan Dun Ġwann Battista Chetcuti, li dam kappillan tagħna għal 56 sena mexxa l-Għargħurin biex jibnu l-knisja parrokkjali mill-1612 sa 1638, ġojjel arkittetoniku tal-Perit Tumas Dingli.